MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2010

Numru. 1338/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**CLINT-CHRIST MIFSUD**

**Illum, 1 ta' Dicembru, 2010**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom **CLINT-CHRIST MIFSUD** ta' sebgha w ghoxrin sena, iben Francis u Maria Lourdes nee' Farrugia, imwieled Pieta' nhar it-18 ta' Marzu 1982, u li joqghod 1, Triq Haz-Zabbar, Paola, detentur tal-karta ta' l-identita' nru. 272182(M) gie akkuzat talli fis-27 ta' Dicembru 2009 bejn l-erbgha u l-erbgha w

nofs ta' wara nofsinhar (04:00 pm u 04:30 pm) f'dawn il-gzejjer, minn Triq Marbat, Swieqi u/jew fil-vicinanzi ikkommetta serq ta' vettura numru ta' registrazzjoni ABL 839 ta' l-ghamla Toyota ghad-dannu ta' Gaetan Camilleri, liema serq huwa aggravat bil-'valur' (aktar minn elfejn tliet mija w hamsa w ghoxrin Ewro [€2325.00]), 'mezz' u 'xorta tal-haga misruqa'.

Aktar talli fl-istess data lok, hinijiet u cirkostanzi saq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABL 839, ta' ghamla Toyota, b'manjiera
a) traskurata, (b) perikoluza, (c) bla kont.

u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ghamel hsara fuq vettura b'numru ta' registrazzjoni JBD 019 ta' l-ghamla Peugeot ghad-dannu ta' Loreto Cutajar, u vettura numru ta' registrazzjoni ABL 839 ta' l-ghamla Toyota ghad-dannu ta' Gaetan Camilleri;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru ta' registrazzjoni ABL 839 ta' l-ghamla Toyota fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsur minhabba xorb jew drogi u aktar talli saq, ipprova jsur jew kellu kontroll ta' l-imsemmija vettura fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu; jew f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jidher bic-car fis-sakra waqt li kellu il-hsieb ta' vettura cioe' vettura numru ta' registrazzjoni ABL 839 ta' l-ghamla Toyota.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidrilha xieraq.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku ghamel griehi ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Loreto Cutajar.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija, titratta mal-imputat bhala persuna recediva ai termini tal-Artikolu 289 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti, fosthom l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar is-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 2010. Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti kif preseduta, nonostante li l-Magistrat ma semghetx hi stess *viva voce* ix-xhieda f'dan il-kaz, u dan kif verbalizzat mid-difiza fis-seduta ta' nhar id-29 ta' Novembru 2010.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha salv u b'eccezzjoni ghall-akkuza ta' recidiva, kif registrata waqt is-seduta tad-disgha u ghoxrin ta' Novembru, 2010 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-disgha w ghoxrin ta' Novembru 2010 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghar-rigward l-akkuza ta' recediva l-Qorti, rat l-atti kollha tal-kawza u rat illi l-Prosekuzzjoni, tramite l-Ispettur Trevor Micallef, esebiet sentenza moghtija minn din l-istess Qorti diversament preseduta nhar id-9 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spett Alexander Grech) vs Clint Mifsud,** a fol. 69 u mmarkata bhala Dok NS1.

Rat pero' li din is-sentenza ma gietx konfermata ghar-rigward l-identita' tal-imputat u l-Prosekuzzjoni lanqas ma

giet ezentata milli tressaq tali prova u ghalhekk tali akkuza ta’ recediva ma ttirrizultax pruvata.

Il-Qorti rat ai fini ta’ piena, l-Fedina Penali tal-imputat, minn fejn jirrizulta li huwa diga’ nstab hati f’sitt okkazjonijiet dwar akkuzi ta’ ngurji, theddid, ksur ta’ paci pubblika, akkuzi naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku w serq, fejn inghata Unconditional Discharge darbtejn u gie kundannat ihallas xi multi.

Illi dan nonostante l-imputat ma tghallimx mill-opportunitajiet moghtija lilu, w ghalhekk din id-darba l-Qorti thoss li ghandha taghti sentenza ta’ prigunerija sospiza bil-ghan li sservi bhala deterrent ghall-imputat biex izzommu ‘l boghod mill-hajja ta’ kriminalita’ w appuntu sabiex tghin lill-istess imputat hija sejra taghti sentenza sospiza lill-imputat bl-applikazzjoni ta’ Supervision Order.

Il-Qorti rat ukoll ix-xhieda moghtija minn Dr. Malcolm Paul Galea li l-feriti li ssubixxa Loreto Cutajar kienu ta’ natura hafifa w ta’ mportanza zghira.

Il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi w partikolarment l-**Artikoli17, 23, 31 49, 50, 226 (1) (c), 261 (b)(c)(g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 271(g), 278(2)(3), 279(a), 280(2), 281, 289, 328 (d),338 (ff), 533 tal-Kapitolu 9 ; u15(1)(A), 15(2) u 15A(1) (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta w** tiddikjara li ssib lill-imputat **CLINT-CHRIST MIFSUD <u>hati tal-akkuzi kollha, salv u bl-eccezzjoni ghall-akkuza ta’ recidiva, w tikkunannah prigunerija ghal tmintax-il xahar sospizi ghal tliet snin</u>, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Qeghda wkoll ai termini tal-Artikolu 28G tpoggi lill-imputat taht Ordni ta’ Supervizjoni ghall-perjodu kollu ta’ din is-sentenza sospiza.**

Il-Qorti qeghda wkoll tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghall perjodu ta’ xahar millum ai termini tal-Artikolu 30 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna wkoll ai termini tal-Art 28G (4) li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-ordni annessa maghha jigu notifikati lid-Direttur tal-Probation Services.

Il-Qorti spjegat l-import ta’ din is-sentenza lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, w x’jigri f’kaz li jonqos li josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------